MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 166/2009

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport.**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tat-12 ta' Marzu 2009 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Lucky Zone Co. Ltd**.

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur *nomine* datat 23 ta' Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta` attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta` attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita` ta' zraben bil-marki ta' "Puma" liema oggetti m'humiex modelli tas-socjeta` attrici u ghandhom "*clear cut infingements of PUMA trademarks".*

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-societa attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta` tas-socjeta` attrici u dan kif provdut fl-**artikolu 15** tal-**Att dwar it-*Trademarks* u l-Att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta' Malta** (EC 1383/2003).

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-*container* DVRU 1343352 u mill-konvenut bit-*trademark/s* tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghall- azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 2 sa 5 tal-process.

Rat id-digriet datat 12 ta' Frar 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 23 ta' April 2009 (fol.16) li permezz taghha pprezenta zewg dokumenti – Dok "GA" affidavit ta' George Agius, u Dok "NN" affidavit ta' Neil Narriman.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 27 ta' April 2009 (fol. 22) fejn ecceppew:-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jipproduci risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda flimkien ma' dokument anness (Dok "A") tal-istess kuraturi a fol. 22 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Mejju 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-13 ta' Frar 2009 fil-kontejner Numru DVRU 1343352 waqt spezzjoni mill-

ufficjali tad-Dwana nstab li kien hemm kaxxi li fihom kien hemm kwantita’ ta’ *tee-shirts* tal-marka “PUMA”, liema hwejjeg kien hemm suspett li kienu kontrafatti u allura gew mizmuma mill-istess Awtoritajiet tad-Dwana. Fil-fatt minn ezamijiet li saru wara mis-socjeta’ attrici (Dok. “NN”) irrizulta li tali hwejjeg kienu foloz, u fil-fatt minn dan kien hemm 12-il kaxxa bi 3,000 *tee-shirts* tal-marka “PUMA”. Konsgwenti ghal dan id-drittijiet tas-socjeta’ attrici fuq l-istess marka gew pregudikati u lesi. Dan jinsab konfermat mix-xhieda ta’ l-ufficjal tad-Dwana George Agius (affidavit – Dok. “GA”) u mid-dokumenti kollha l-ohra esebiti u fil-fatt l-istess provi ma huma bla ebda mod kontradetti u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fir-risposta guramentata taghom datata 27 ta’ April 2009 biss in kwantu l-istess huma nkonsitenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-entita’ konvenuta ikkontravjeniet it-*trademark* jew *trademarks* proprjeta` tas-socjeta` attrici u l-**Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** u b’hekk ikkagunat danni lis-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta fil-*container* DVRU 1343352 mill-entita’ konvenuta bi ksur tat-*trademark/s* tas-socjeta` attrici u dan a spejjez tas-socjeta’/entita’ konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-entita` intimata b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------